## Lejn il-100 sena
## Devozzjoni lejn l-Immakulata fil-Ħamrun



Kien f' Mejju ta' l-1920, meta Pawlu Burlo, ġietu l-ideja li jistieden lit-tfal ta' l-inħawi sabiex flimkien miegħu, ma' martu u ma' l-erba' uliedu jinġabru fil-kappella ta' daru biex jgħidu r-rużarju. Għal xahar sħiħ t-tfal ikkonkorrew bil-kbir u għalhekk Pawlu fl-aħħar jum tax-xahar għamlilhom festin żgħir. Anke fis-sena ta' wara, Pawlu reġa għamel l-istess stedina. Din id-darba l-parteċipazzjoni tan-nies kienet akbar u bosta mit-tfal ġabu magħhom lill-ġenituri u l-ħbieb tagħhom.

L-ammont ta' nies li marru fid-dar ta' Pawlu tant kien kbir li meta ra li n-nies ma setgħux joqogħdu aktar fid-dar ċkejkna tiegħu, Pawlu kera' terran fl-istess triq sabiex jużah biss għal dan il-għan. Fix-xhur ta' wara Mejju, in-nies baqgħu imorru għandu għar-rużarju. Kien għalhekk, li Pawlu għaraf l-bżonn li jitqabbad xi ħadd sabiex jibda jagħmel ħsieb spiritwali ta' kuljum lin-nies. Din ukoll kienet drawwa ta' dak iż-żmien peress li quddies filgħaxija ma kien isir mkien. Għal dan il-għan tqabbad il-Kjeriku Karmenu Gatt, li ġie maħtur speċifikament biex jieħu ħsieb il-ħtiġijiet spiritwali tan-nies tal-inħawi.

Fl-aħħar tax-xahar ta' Mejju ta' l-1920, s-Sur Burlo wera x-xewqa li jagħmel festa f'ġieħ l-Immakulata Kunċizzjoni. Sabiex jagħmel dan kien meħtieġ jitlob il-permess lill-Kappillan tal-Knisja ta' San Gejtanu, li f'dak iż-żmien kien ċertu Dun Ġużepp Muscat. Peress li din il-festa kienet se tkun xi ħaġa pubblika, Pawlu qabbad lil ċertu Sur Campbell sabiex iġib l-permessi meħtieġa mill-Kurja. Minbarra l-permess għal din il-festa, l-Isqof Portelli ħeġġeġ lis-sur Burlo, sabiex iżomm miftuħ ta' kuljum din il-kappella. Meta l-kappillan tal-parroċċa ta' San Gejtanu sar jaf b'dan, mar hu stess fuq il-post u sejjaħ l-post bħala l-Oratorju ta' l-Immakulata Kunċizzjoni. Id-devozzjoni lejn l-Immakulata baqgħet tikber tant li fl-1 ta' Ġunju ta' 1924 l-Isqof Portelli qaddes fuq l-artal ta' l-Oratorju.






